# IL-BIDLA LI ĠAB KRISTU FIL-ĦAJJA TA' PAWLU

Kristu biddel lil Pawlu minn persekutur għal dixxiplu tiegħu, u wasslu biex iħaddan il-fidi vera Kristjana:



- Kristu huwa l-Veru Ġid ta' kull bniedem: *"Huwa it-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja."*
- Kristu huwa Kollox, u biH xejn ma jonqosna. Tassew, hu *'ir-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni'.*
- Xejn ma huwa paragonabbli ma' Kristu fil-qalb tag]na!
- Kristu huwa s-sens ta' kollox. San Pawl jgħidilna biex f'kull ċirkustanza u sitwazzjoni nkunu ta' Kristu. *"Sew jekk tieklu, sew jekk tixorbu, tagħmlu x'tagħmlu, agħmlu kollox għall-glorja ta' Alla" (1Kor 10,31).*
- "Min jaħseb li jaf kollox u ma jafx lil Kristu, qisu ma jaf xejn, u min ikun jaf lil Kristu jkun jaf kollox." (Fulton J. Sheen)

Fl-ittra lill-Filippin (3,8-9) San Pawl jasal biex jgħid: *"Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih".* Aħna bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu rċivejna il-kapaċità li ngħixu ħajjtina bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu. Din il-grazzja nistgħu nħaddmuha daqskemm nemmnu. F'din is-sena Pawlina nimpenjaw ruħna biex fuq l-e\empju ta' San Pawl inkunu Nsara tassew li nuru b'ħajjitna li Kristu huwa verament KOLLOX għalina.

*Mons Ġużepp Attard, Arċipriet Parroċċa Katidral*

## *Jistgħu jinteressawk*

*Ħadd 31: Festa tal-Madonna ta' Loreto (Parroċċa Għajnsielem)*
*Mill-Ħamis 4 sal-Ħadd 7 ta' Settembru: Irtir għaż-Żgħażagħ (Dar Manresa)*

gozopress • 21551534

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu', nemmen li Int l-Iben ta' Alla l-Ħaj…nemmen fil-Knisja li Inti waqqaft…u nemmen wkoll li qiegħed dejjem magħha. Agħmel li nkun iben denn ta' din il-Knisja.



Djoċesi ta' Ghawdex

# Bullettin tal-Ħadd

## Sena Pawlina 2008 - 2009

Il-21-il Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2056) • 24 ta' Awissu 2008



**Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew** (Mt. 16, 13-20)

F'dak iż-żmien,meta wasal fl-inħawi ta' Ċesarija ta' Filippu, Ġesù staqsa lid-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Min jgħidu n-nies li hu Bin il-bniedem?" U huma weġbuh: "Xi wħud, Ġwanni l-Battista; oħrajn, Elija; u oħrajn, Ġeremija jew wieħed mill-profeti." Imma intom min tgħidu li jien?" staqsiehom. U qabeż Xmun Pietru u qallu: "Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj." U Ġesù wieġbu u qallu: "Hieni int, Xmun bin Ġona, għax mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet. U jiena ngħidlek: Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat ta' l-infern ma jegħlbuhiex. Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet." Mbagħad lid-dixxipli tiegħu wissiehom biex ma jitkellmu ma' ħadd fuq li huwa l-Messija.

**RIFLESSJONI**

- Ġesu jagħmel mistoqsija dwar l-identita' tiegħu : Min jgħidu li Jien ?
- Intom…int min tgħid li hu Ġesu' għalik ? Tirrispondix x'jgħid ħaddieħor, imma l-esperjenza tiegħek miegħu.
- X'fidi għandi tat-tradizzjoni ? Għax kulħadd hekk jagħmel jew għax konvint ?
- Lil Ġesu' tant għoġbitu l-istqarrija ta' Pietru li għamlu Kap tal-Knisja.
- X'inhi l-idea tiegħek dwar il-Knisja ? Temmen li minkejja d-difetti umani, hija l-kontinwazzjoni tal-preżenza ta' Kristu fostna ?
- Għandek lealta' lejn il-Knisja ? Tilqa' t-tagħlim tagħha ? Tqisha bħala Ommok?